MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 14/2011

**De Valier Co. Ltd**

**-vs-**

**Xuereb Glass Co. Ltd.**

Il-Qorti;

Rat l-avviz li bih is-socjeta' attrici talbet li din il-qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' erbat elef mija u sebgha euro u wiehed u erbghin centezmi (€4107.41) dovuta bhala bilanc tal-prezz tal-bejgh ta' xkaffar, frame panelling, stands u merkanzija ohra li gew ordnati mis-socjeta' konvenuta ghall-fabbrika taghha fix-Xewkija, u li gew ikkonsenjati lilha (statement tal-kont anness u markat A u hames invoices/delivery notes markati minn B sa I), liema bilanc baqa' ma giex saldat minkejja diversi interpellazzjonijiet li saru lill-istess socjeta' konvenuta bil-miktub ghall-hlas, bl-ahhar ittra kienet dik li saret fit-termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap 12

tal-Ligijiet ta’ Malta tas-6 ta’ Dicembru 2010 (Ittra numru 161/2010). Mill-prezz totali tal-merkanzija konsenjata fl-ammont ta’ €5616.08 tnaqqset is-somma ta’ €1508.67 li kienet dovuta lis-socjeta’ konvenuta mis-socjeta’ attrici ghall-merkanzija mibjugha lis-socjeta’ attrici mis-socjeta’ konvenuta u fadal il-bilanc ta’ €4107.41 li qed jintalab li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata li thallas.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjli numru 161/2010 tas-6 ta’ Dicembru 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment. Bl-imghaxijiet legali b’effett mid-data tal-konsenji relattivi sal-effettiv pagament.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa tinsab imharka.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-atti ta’ l-avviz u bl-avviz ghas-smiegh.

Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta prezentata llum, 14 ta’ Frar 2012 permezz ta’ liema ammettiet it-talbiet.

Fic-cirkostanzi, tilqa’ it-talbiet tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ erbat elef mija u seba’ euro u wiehed u erbghin centezmu (€4107.41) rapprezentanti bilanc tal-prezz tal-bejgh ta’ xkaffar, frame panelling, stands u merkanzija ohra ordnati ghall-fabbrika tas-socjeta’ kovnenuta fix-Xewkija, Ghawdex.

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra ufficcjali u tal-mandat ta’ sekwestru u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenji sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------